31999R2439

L 297/8 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 18.11.1999

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2439/1999

tas-17 ta' Novembru 1999

dwar il-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi li jappartjienu għall-grupp "waħħala, aġenti kontra t-tagħqid u koagulanti" fl-għalf ta' l-annimali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jitabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda l-addittivi fl-għalf ta' l-annimali [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1636/1999 [2], u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

(1) tafal kaolinitiku li joriġina minn ċerti minjieri tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja nstab li fih livelli estremament għolja ta' dijossini. Skond it-tagħrif disponibbli, din tista' tkun kontaminazzjoni ta' oriġini ġeoloġika;

(2) skond l-Artikolu 11 tad-Direttiva 70/524/KEE, Stat Membru li, b'riżultat ta' tagħrif ġdid jew fuq stima mill-ġdid tat-tagħrif eżistenti magħmulin minn mindu d-dispożizzjonijiet konċernati kienu adottati, isib illi l-użu ta' wieħed mill-addittivi mniżżla fil-lista fid-Direttiva jikkostitwixxi periklu għas-saħħa ta' l-annimal jew tal-bnidem jew lill-ambjent jista' jissospendi temporanjament l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' dak l-addittiv;

(3) numru ta' Stati Membri għamlu projbizzjoni ta' l-użu ta' tafal kaolinitiku kontaminat fit-tħejjijiet ta' qabel it-taħlit u fl-għalf ta' l-annimali;

(4) skond l-Artikolu 3a(b) tad-Direttiva 70/524/KEE, l-awtorizzazzjoni ta' addittiv tingħata biss jekk, meta jitqiesu l-kondizzjonijiet ta' l-użu, ma taffettwax ħażin is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew lill-ambjent;

(5) l-użu ta' għalf ta' l-annimali kontaminat bid-dijossini jista' jikkontamina l-għalf li joriġina mill-annimali. Id-dijossini huma kklasifikati bħala karċinoġeni għall-bniedem minn organizzazzjonijiet internazzjonali konoxxuti. Dawn l-organizazzjonijiet jirrakkomandaw li jittieħdu miżuri sabiex titnaqqas kemm jista' jkun l-inġestjoni tad-dijossini permezz ta' l-ikel;

(6) addittivi kontaminati għandhom kemm jista' jkun jiġu evitati;

(7) stima tar-riskju sħiħa ma tistax titwettaq minħabba n-nuqqas ta' data xjentifika adegwata. Minħabba l-ħtieġa ta' miżuri urġenti sabiex jiġi prevenut grad mhux aċċettabbli ta' kontaminazzjoni fl-għalf ta' l-annimali u sakemm joħorġu r-riżultati tal-programm ta' kontroll dwar it-tafal u l-istima tar-riskju, il-livell aċċettabbli ta' dijossini fit-tafal kaolinitiku għandu jiġi ristrett bħala prekawzjoni għal-limitu analitiku li jrid jiġi stabbilit. Dan il-limitu jista' jiġi rivedut fid-dawl tar-riżultati ta' kwalunkwe investigazzjoni mwettqa u tal-programm ta' kontroll;

(8) il-kontaminazzjoni ta' kaolina misjuba fil-Ġermanja tista' fil-fatt ukoll tirrigwarda addittivi oħra awtorizzati għall-użu bħala waħħala, aġenti ta' kontra t-tagħqid u koagulanti skond id-Direttiva 70/524/KEE, kif indikat bil-fatt illi tafal tal-balla, tafal minn blat sedimentarju li jkun fih minerali oħra minbarra il-kaolina, li joriġinaw minn minjiera fl-Istati Uniti urew ukoll li huma kontaminati bis-sħieħ min-natura tagħhom bid-dijossini ta' oriġini ġeoloġika. Huwa xieraq li fil-kwadru tal-programm ta'kontroll, tiġi eżaminata l-possibilità ta' preżenza ta' dijossini f'dawn l-addittivi awtorizzati kollha. Huwa previst li għalissa jiġi applikat biss limitu massimu proviżorju għat- tafal kaolinitiku, il-limitu analitiku li jrid jiġi stabbilit ser japplika bħala l-limitu massimu wara perjodu taż-żmien definit sewwa għall-addittivi l-oħra minbarra t-tafal kaolinitiku fin-nuqqas li jiġi stabbilit, jekk meħtieġ, limitu speċifiku massimu bbażat fuq biżżejjed data li tirrigwarda l-preżenza ta' dijossini;

(9) il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Għalf ta' l-annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' l-addittivi li jappartjienu għall-grupp "waħħala, aġenti kontra t-tagħqid u koagulanti" msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament huma hawnhekk mibdula b'dawk stabbiliti fl-Anness ta' hawnhekk skond id-Direttiva 70/524/KEE.

Il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament qabel l-1 ta' Marzu 2000 fid-dawl ta' kwalunkwe investigazzjoni mwettqa u tar-rużultati tal-programm ta'kontroll.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 270, ta' l-14.12.1970, p. 1.
[2] ĠU L 194, tas-27.7.1999, p. 17.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,fis-17 ta' Novembru 1999.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Numru tal-KE	Additttiv	Formula kemikali, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg/kg ta' għalf ta' l-annimali komplut			
Waħħala, aġenti kontra t-tagħqid u koagulanti								
E 330	Aċidu ċitriku	$C_6H_8O_7$	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	-	Kull għalf ta' l-annimali. Konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 16(1)(g)	Mingħajr limitu ta' żmien
E 470	Sodju, potassa u kalċju stearates	$C_{18}H_{35}O_2Na$, $C_{18}H_{35}O_2K$ u $C_{36}H_{70}O_4Ca$ Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	-	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
E 516	Sulfat tal-kalċju, deħidrat	$CaSO_4 \cdot H_2O$ Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	30 000	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
E 551a	Aċidu Silicic, preċipitat u mnixxef	- Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	-	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
E 551b	Colloidal silica	- Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	-	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
E 551c	Kieselgur (diatomaceous earth, purifikat)	- Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	-	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
E 552	Kalċju Silicate, sintetiku	- Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	-	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
E 554	Sodium aluminoSilicate, sintetiku	- Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	-	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
E 558	*Bentonite*- montmorillonite	- Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	20 000	Kull għalf ta' l-annimali Taħlit ma' additttivi mill-gruppi 'antibijotiċi', 'promoturi tat-tkabbir', '*coccidiostats* u sustanzi mediċi oħra' hu projbit, barra fil-każ ta monensin -sodium, narasin, *lasalocidsodium*, *flavophospholipol*, *salinomycin* sodium, *nicarbazin* u *robenidine*. Indikazzjoni fuq it-tiketta ta' l-isem speċifiku ta' l-additttiv	Mingħajr limitu ta' żmien

Numru tal-KE	Addittiv	Formula kemikali, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg/kg ta' għalf ta' l-annimali komplut			
E 559	Tafal kaolinitiku, ħieles mill-asbestos	Taħlitiet li jseħħu min-natura tagħhom ta'minerali li jkollhom mill-inqas 65 % ta' complex hydrated aluminium Silicates li l-kostitwent prinċipali tagħhom hu l-kaolina Kontenut massimu ta' dijossina: 500 pg WHO-PCCD/F-TEQ/kg (2)	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	-	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
E 560	Taħlitiet naturali ta' steatites u chlorite	Taħlitiet naturali ta' steatite u chlorite, ħielssa mill-asbestos: purità minima tat-taħlitiet 85 % Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	-	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
E 561	Vermiculite	Silicate naturali tal-magnesju, aluminju, u ħadid, li kellu espansjoni bis-sħana, ħieles mill-asbestos Kontenut massimu ta' dijossina: 0,3 % Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	-	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
E 562	Sepiolite	Hydrated magnesium Silicate ta' oriġini sedimentarja, li jkun fih mill-inqas 60 % sepiolite u massimu 30 % montmorillonite, ħieles mill-asbestos Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	-	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
E 563	*Tafal*sepiolitic	Hydrated magnesium Silicate ta' oriġini sedimentarja, li jkun fih mill-inqas 40 % sepiolite u 25 % illite, ħieles mill-asbestos Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	20 000	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
E 565	Lignosulphates	- Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	-	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
E 566	Natrolitephonolite	Taħlita naturali ta' aluminium Silicates, alkalini u alkaline-earth u aluminium hydroSilicates, natrolite (43-46,5 %) u feldspar Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	25 000	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien

Numru tal-KE	Addittiv	Formula kemikali, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg/kg ta' għalf ta' l-annimali komplut			
E 598	Synthetic calcium aluminates	Taħlita ta' calcium aluminates li jkun fihom bejn 35 u 51 % ta' AI_2O_3 Kontenut massimu ta' *molybdenium*: 20 mg/kg Kontenut massimu ta' dijossina: (1):	Tjur	-	-	20 000	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
			Fniek	-	-	20 000	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
			Majjal	-	-	20 000	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
			Baqar tal-ħalib	-	-	8 000	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
			Bhejjem għax-xaħam	-	-	8 000	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
			Għoġiela	-	-	8 000	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
			Ħrief	-	-	8 000	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
			Ħrief	-	-	8 000	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
E 599	Perlite	Silicate naturali ta' sodju u aluminju,, li kellu espansjoni bis-sħana, ħieles mill-asbestos Kontenut massimu ta' dijossina: (1):	Kull speċi jew kategoriji ta' annimali	-	-	-	Kull għalf ta' l-annimali	Mingħajr limitu ta' żmien
Waħħala, aġenti kontra t-tagħqid u koagulanti								
3	Clinoptilolite ta' oriġini volkanika	Calcium ħydrated aluminio Silicate ta' oriġini volkanika li jkun fih minimu ta 85 % ta' clinoptilolite u massimu ta' 15 % ta' feldspar, micas, u tafal ħielsa minn fibri u quartx. Kontenut massimu ta' ċomb: 80 mg/kg Kontenut massimu ta' dijossina (1):	Majjal	-	-	20 000	Kull għalf ta' l-annimali	tat-30.9.2000
			Fniek	-	-	20 000	Kull għalf ta' l-annimali	tat-30.9.2000
			Tjur	-	-	20 000	Kull għalf ta' l-annimali	tat-30.9.2000

(1) Fin-nuqqas li jiġi stabbilit, jekk meħtieġ, ta' limitu massimu speċifikat ibbażat fuq biżżejjed data dwar il-preżenza ta' dijossini, il-limitu massimu ta'500 pg WHO-PCCD/F-TEQ/kg ser japplika mill-1 ta' Marzu 2000.
(2) Il-kontenut ta' dijossina huwa s-somma ta' polychlorinated dibenzo-para-dioxins (PCDDs) u polychlorinated dibenzofurans (PCDFs) espressi fl-ekwivalenti tossiċi ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), bl-applikazzjoni tal-WHO TEFs (fatturi tossiċI ekwivalenti, 1997).

Il-kontenut irid jiġi espress bħala upperbound, i.e. jiġi kkalkulat billi wieħed jassumi li l-valuri kollha ta' l-elementi congener differenti taħt il-limitu ta'Skoperta huwa ugwali għal-limitu ta' skoperta.